MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1865/2003

**Maltacom p.l.c.
vs
Joseph Mifsud u b'digriet tal-24 ta' Frar, 2005 giet kjamata in kawza l-Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf mija u tnejn u tletin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm1132.16), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat kagunati mill-konvenut jew minn impjegati tieghu, lil proprjeta` tal-istess socjeta` attrici waqt xogholijiet fi Sliema Road, Gzira, fi Frar, 2000 u dan skond kont mibghut lill-konvenut datat 30 ta' Gunju, 2000 (Inv.7462), kopja tieghu annessa mal-avviz u markata Dok.A ;**

**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fis-6 ta' April, 2004, fejn intqal :**
**i. illi preliminarjament jigi eccepit in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet stante li l-konvenut kien qed jaghmel xoghol ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta.**
**ii. Illi preliminarjament ukoll t-talbiet attrici huma preskritti ai termini kemm tal-Art.2153 tal-Kap.16 u kemm ai termini tal-Art.2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**iii. Illi jigi rilevat ukoll illi ghall-kuntrarju ta' dak li jinghad fit-talba il-konvenut mhux socjeta`.**
**iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjent ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni izda kienet l-istess socjeta` attrici responsabbli ghall-incident stante li ghamlet il-marki taghha hazin u l-konvenut mexa b'mod rigoruz mal-marki li inghata mill-istess socjeta` attrici.**
**v. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat.**
**vi. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Ra l-verbal tal-21 ta' Ottubru, 2004, li bih il-konvenut irtira it-tieni eccezzjoni sollevata.**

**Ra r-risposta tal-kjamat in kawza prezentata fis-17 ta' Marzu, 2005 fejn intqal illi t-talba fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi :**
**a. Din hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 u 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**b. Il-konvenut Joseph Mifsud kien inkarigat ghal dan ix-xoghol u hu kellu jiehu hsieb illi jsir sew billi l-**

**Korporazzjoni hadet dawk il-passi kollha necessarji sabiex taccerta ruhha li x-xoghol isir skond is-sengha u l-arti.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mifsud, Joe Cilia, Victor Busuttil, Eric Montfort, Paul Galea u Dr Keith Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda hlas ghal ammont dovut in konessjoni ma' hsarat kagunati lis-socjeta` attrici fi Sliema Road, Gzira, fi Frar, 2000.**

**2. Il-konvenut Mifsud jghid li m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici peress illi hu kien qed jaghmel ix-xoghol ghal-Korporazzjoni Enemalta.**

**3. Joe Cilia, Technical Executive mas-socjeta` attrici, u li fiz-zmien tal-incident kien jokkupa l-kariga ta' Principal Technical Officer, jinnota li l-hsarat saru meta twahhal arblu tad-dawl fis-centre strip. Hu kien cempel lill-Korporazzjoni Enemalta u kien gie indikat lilu isem il-konvenut bhala l-persuna li hadem hemm.**

**4. Id-danni li saru jirrizultaw mir-rapport tal-pulizija Dok.JC1 u mir-ritratti Dok.JC2 sa JC6.**

**5. Victor Busuttil, Senior Technical Officer mas-socjeta` attrici, jghid li ma saret ebda applikazzjoni dwar it-thaffir in kwistjoni sabiex jaghmel l-immarkar ta' fejn hemm cables. L-obbligu li jinforma dwar li ser isir it-thaffir jinkombi fuq il-kuntrattur. F'kaz ta' xoghol li jrid isir b'emergenza jinkombi fuq min iqabbad sabiex isir ix-xoghol ta' thaffir li japplika ghall-immarkar. F'dan il-kaz kien inhareg Emergency permit.**

**6. Paul Galea li jahdem mal-Enemalta qal li huma jindikaw lill-kuntrattur fejn ghandhom jigu l-arbli tal-elettriku. Huma juru lill-kuntrattur fejn hemm cables tal-Korporazzjoni ghaddejjin, pero` dwar cables ohra**

**huwa l-kuntrattur li jrid jara mad-Dipartimenti koncernati.**

**7. Il-konvenut jghid li dan kien xoghol ta' emergenza u kien l-foreman tal-Korporazzjoni Enemalta li cempillu sabiex jaghmel ix-xoghol, u wara dan il-foreman jiehu hsieb il-mili tal-formoli necessarji. Il-konvenut kien gie ikkuntrattat mill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jaghmel ix-xoghol.**

**8. Ghalhekk mill-provi mismugha jirrizulta li tassew dan kien xoghol, ta' emergenza, u li konsegwentement kien jispetta lill-Korporazzjoni Enemalta li tiehu hsieb l-applikazzjonijiet sabiex isir l-immarkar. Ghalhekk jekk dan l-immarkar ma sarx, ma jistghax jigi ritenut responsabbli l-konvenut. Ghandha tirrispondi il-Korporazzjoni Enemalta ghad-danni peress li kienet responsabilita` taghha li jsir l-immarkar.**

**9. Il-Korporazzjoni Enemalta eccepiet li l-azzjoni hi preskritta ai termini ta' l-Art.2153 u 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` bil-perikodu ta' sentejn. Kif iddikjara l-istess Dr. Keith Grech ghas-socjeta` attrici, ma jirrizultax li kienet intbaghtet ittra ufficjali lill-Korporazzjoni Enemalta. L-incident sehh fi Frar tas-sena 2000, u din il-kawza infethet fit-23 ta' Settembru, 2003. Ghalhekk ghadda iz-zmien sabiex wiehed ikun jista` jezercita` l-azzjoni, u konseqqentement it-Tribunal isib l-azzjoni preskritta ai termini tal-Artikolu 2152 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini tal-Art.2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta ' Malta fil-konfront tal-kjamat in kawza, u konsegwentement jichad it-talba.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------